# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum l-14 ta' Jannar 2020**

Appell numru 153 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Christopher CILIA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' Marzu 2017 fil-konfront ta' Christopher CILIA, karta tal-identità bin-numru 523483M fejn ġie mixli talli:

    Nhar il-25 ta' Settembru 2015 għall-ħabta ta' 17:30hrs u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, fl-inħawi ta' Ħad-Dingli :

    1. Bħala persuna li għandha liċenza biex iżżomm jew biex ikollha f'idejha jew fuqha arma tan-nar jew munizzjon, ma żammx fil-kustodja tiegħu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddieħor;
    2. Bħala pussessur ta' liċenza taħt l-artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 naqas li jħares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-liċenzja;

3. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanz, biegħ, espona għall-bejgħ, ġarr, kellu fil-pussess tiegħu, spara, uża, importa, jew immanifattura xi skrataċ b'xi ċomb ta' daqs aktar minn 3.3mm f'dijametru;
4. Ukolla talli nhjar il-Ħamis 8 t'ottubru 2015 u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-fond 24, Triq Fra Ferd Mattei, Zebbug, Malta żamm u kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati – Swokkow Herion – li l-ispeċi tagħhom mhux inkluż fl-Iskeda II jew III u li ma kienux ġew irreġistrati mas-Sezzjoni fiż-żmien stipulat fis-subregolament (6);
5. Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ittrasferixxa, jew b'xi mod ieħor, iddispona minn għasfur Weider, Stone Chat, Dunnock u Flacon, imsemmi fis-subregolament (1)(e) tar-Regolament 4, L.S. 504.71 mingħajr ma għamel talba lit-taqsima tar-regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u mingħajr ma kien awtorizzat bil-miktub dak it-trasferiment jew id-disponiment.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat id-dokumenti kollha esebiti, l-atti kollha tal-kawża u semgħet lill-partijiet, u wara li rat ir-Regolamenti 27(1) u 47(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 4(2), 22 u 21(5) subregolament 6 tal-L.S. 504.71, dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi imputat appellant ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu fir-rigward tal-ħames imputazzjoni u sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u kkondannatu għal multa ta' elf euro, issospendietlu l-liċenza għal żmien sentejn kif ukoll ordnat il-konfiska tal-iskrataċ eżebiti.

3. Illi minn din is-sentenza Christopher CILIA interpona appell permezz ta' rikors datat 3 t'April 2017 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

tirriforma s-sentenza appellata u dana billi :

(a)Tikkonfermaha in kwantu gie ddikjarat mhux hati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet;
(b) Tikkonfermaha in kwantu gie misjub hati tal-hames imputazzjoni;
(c)Thassarha in kwantu gie misjub hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u tilliberah minnhom;
(d) Tibdel il-piena mposta ghal wahda aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

4. Dan wara li saħaq li l-Qorti tal-Maġistrati kienet għamlet apprezzament żbaljat tal-provi in kwantu l-munizzjon kien instab f'kamra li kienet imsakra u għalhekk ma kienux aċċessibbli għal terzi persuni kif ukoll li l-piena inflitta kienet waħda għolja wisq għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi jirriżulta illi nhar il-25 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tal-17:30, il-Pulizija rċevew rapport ta' kaċċa illegali f'Ħad-Dingli u meta marru fuq il-post indikat lilhom, sabu lill-appellant. Huma iċċekkjaw l-arma li kien qiegħed iġorr u sabu li kien kollox skont il-liġi. L-appellant ġie mistoqsi biex jiftħilhom kamra li kien hemm fl-għalqa li stqarr li kienet tiegħu u hemmhekk il-Pulizija għamlu spezzjoni. Irriżultalhom li kien hemm 15 il-skartoċċ li ġew elevati biex jiġu verifikati jekk kienux akbar minn 3.3mm fid-dijametru.

6. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-

funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

7. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

8. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

9. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

***Ikkunsidrat : -***

11. Illi l-aggravji tal-appellant huma tnejn. L-ewwel aggravju jikkonċerna l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati u t-tieni aggravju jitratta l-piena imposta.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Diċembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Diċembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

12.Illi kwantu għall-ewwel aggravju din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha. Għalkemm jirriżulta li l-appellant kien qiegħed iġorr l-arma tan-nar fuqu u li kienet ikkargata bi tliet skrataċ, irriżulta wkoll li huwa kellu munizzjon konsistenti fi ħmistax il-skartoċċ li kien fil-kamra fl-għalqa. Kamra f'għalqa, għalkemm tista' tkun privata, qajla tista' titqies bħala post sigur fejn munizzjon ikun jista' jiġi maħżun, anke jekk temporanjament. Ma jirriżultax li din il-kamra hija r-residenza tal-appellant jew li toffri xi garanzija li ħadd ħliefu ma jista' jmisshom. Il-lok fejn dawn l-iskrataċ kienu qegħdin jinżammu għalhekk ma kienx jissodisfa l-vot tal-Liġi. B'hekk il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal li ssib ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

13.It-tieni imputazzjoni pero hija kemxejn sibillina. L-artikolu 27 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk : -

> 27.(1) Liċenzja maħruġa skont ma hemm f'dan l-Att għandha tkun bla ħsara għal kull kondizzjoni li l-Kummissarju jista' jqis li tkun adatta li jagħmel, u l-liċenzja għandha tindika l-kondizzjonijiet li taħthom id-detentur ta' liċenzja jkun jista'jakkwista, jittrasferixxi, iżomm jew ikollu fil-pussess tiegħu xiarma tan-nar, arma regolari u munizzjon.
> (2) Kull liċenzja li tinħareġ skont dan l-Att għandu jkollhamagħha polza tal-assigurazzjoni għal riskji fil-konfront ta' terziskont kif ikun meħtieġ b'regolamenti taħt dan l-Att.

14.F'din il-kawża ġiet eżebita liċenza maħruġa mill-Uffiċju tal-Armi u li tinsab eżebita a fol 14. Iżda minn din il-liċenza din il-Qorti ma tistax tgħid li din il-liċenza eżebita *tindika l-kondizzjonijiet li taħthom id-*

*detentur ta' liċenzja jkun jista'jakkwista, jittrasferixxi, iżomm jew ikollu fil-pussess tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari u munizzjon.*

15. Issa l-appellant ġie misjub ħati talli huwa naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-liċenza. F'dik il-liċenza ma hemmx imsemmija kundizzjonijiet relattivi għal munizzjon. L-arma tan-nar kienet fil-pussess tal-appellant u kienet fuqu bis-sewwa. Din il-Qorti għalhekk ma tistax tqis li t-tieni imputazzjoni setgħet titqies integrata mill-Qorti tal-Maġistrati ġaladarba ma hemmx indikazzjoni ċara dwar liema kienu l-kundizzjonijiet li ġew vjolati fiha. Il-Qorti ma tistax tassumi x'jistgħu ikunu dawn il-kundizzjonijiet ġaladarba r-reat innifsu jeħtieġ li l-liċenzja **għandha tindika** l-kondizzjonijiet li taħthom id-detentur ta' liċenzja jkun jista' jakkwista, jittrasferixxi, iżomm jew ikollu fil-pussess tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari u munizzjon. Mill-provi prodotti u l-aktar mill-kopja tal-liċenzja eżebita ma jirriżultax x'inhuma dawn il-kundizzjonjiet.

## *Deċide*

Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Christopher CILIA in parti, billi filwaqt li **tħassar u tirrevoka** :-

(a) dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati wkoll tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena u
(b) fejn ikkundannatu għal multa t'elf euro (€1000); u

**<u>tikkonferma : -</u>**

(c) dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-imputat appellant mhux ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet;

(d) kif ukoll fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tal-ammissjoni fir-rigward tal-ħames imputazzjoni; u minflok : -

(e) tikkundannah għal multa komplessiva ta' seba' mitt euro (€700); u

(f) stante li s-sospensjoni tal-liċenzja tal-kaċċa hija tassattiva tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tal-appellant għal żmien sentejn; u

(g) tordna l-konfiska tal-*corpus delicti.*

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***